

II-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa

II-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa hija eżerċizzju minn isfel għal fuq li jippermetti liċ-ċittadini Ewropej jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar il-politiki u l-funzjonament futuri tal-Unjoni. Għodod bħall-pjattaforma diġitali u l-panels taċ-ċittadini jippermettu diskussjoni ta' suġġetti li huma importanti għalihom.



Pjattaforma Diġitali Multilingwi

Ċentru multilingwi għaċ-ċittadini biex jaqsmu u jiddibattu l-ideat

X'inhi

- Dan huwa ċ-ċentru ewlieni biex iċ-ċittadini jaqsmu l-ideat u jibagħtu l-kontribut tagħhom
- Repożitorju tal-kontribut u d-dokumenti taċ-ċittadini
- Kontribut minn avvenimenti li jsiru taħt il-kappa tal-Konferenza
- Pubblikazzjoni tal-konklużjonijiet mil-huqa mill-Konferenza

II-Karta tal-Konferenza

- Iċ-ċittadini u l-organizzaturi tal-avvenimenti jridu jirrispettaw il-Karta tal-Konferenza:
- Rispett tal-**Valuri tal-UE**: id-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem
 - It-thegħig tad-diversità fid-dibattiti u r-rispett tal-libertà tal-espressjoni
 - L-ebda diskors ta' mibegħda jew kontenut li huwa illegali jew deliberatament falz jew qarrieqi



- Prijorità lill-parteċipazzjoni transfruntiera u l-użu ta' lingwi differenti
- Garanzija ta' trasparenza sħiħa, u l-kontribut taċ-ċittadini jiġi analizzat u ppubblikat fuq il-pjattaforma diġitali
- Webstream jew avvenimenti tax-xandir kull meta jkun possibbli
- Rispett tar-regoli tal-protezzjoni tad-data u l-identità viżiva tal-konferenza

Moderazzjoni tal-pjattaforma srorveljata mill-Bord Eżekuttiv



Plenarja tal-Konferenza

449 rappreżentant

Rappreżentanti	Kull Stat Membru
II-Parlament Ewropew	108
II-parlamenti nazzjonali	108 (4)
Panels taċ-ċittadini Ewropej	80
II-Kunsill	54 (2)
Avvenimenti u/jew panels nazzjonali	27 (1)
Kumitat tar-Reġjuni	18
Kumitat Ekonomiku u Soċjali	18
Sħab soċjali	12
Organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili	8
Rappreżentanti eletti lokalmnt	6
Rappreżentanti eletti reġjonalment	6
Kummissjoni Ewropea	3
President tal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ	1

Dibattiti u diskussjonijiet
Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Panels taċ-ċittadini
II-kontribut tal-pjattaforma multilingwi

Xogħlijiet imħejjija
Sa 9 gruppi ta' ħidma tematiki

Jitressqu
Proposti lill-Bord Eżekuttiv (fuq bażi konsenswali)

Kunsens
Tal-anqas bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea, u l-parlamenti nazzjonali



Panels taċ-ċittadini Ewropej

Fora fejn iċ-ċittadini jiddiskutu temi speċifiċi u jipprovdut sett ta' rakkomandazzjonijiet lill-plenarja tal-Konferenza biex l-istituzzjonijiet tal-UE isegwuwhom

Twaqqfu **erba'** panels taċ-ċittadini, li bejniethom ikopru d-disa' suġġetti murija hawn fuq

200 ċittadin fuq kull panel, magħżula b'mod aleatorju

Mill-inqas mara waħda u raġel wieheh għal kull Stat Membru, bl-applikazzjoni ta' proporzjonalità digressiva bħal tal-Parlament | Terz għandhom ikunu żgħażaġh ta' bejn is-16 u l-25 sena

Rappreżentanza wiesgħa taċ-ċittadini

Orijini ġeografika | Ġeneru | Età | Sfond ekonomiku | Livell edukattiv

Rappreżentanti ta' kull panel jieħdu sehem fil-plenarja

Mill-inqas terz ikunu żgħażaġh bejn is-16 u l-25 sena | Biex jippreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom



Bord Eżekuttiv

9 rappreżentanti

- 3 mill-Parlament Ewropew
- 3 mill-Kunsill tal-UE
- 3 mill-Kummissjoni Ewropea

Osservaturi mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-parlamenti nazzjonali, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat tar-Reġjuni, istituzzjonijiet oħra tal-UE u sħab soċjali Ewropej

Jiddeċiedu dwar il-ħidma tal-Konferenza

Iħejju l-laqqhat tal-plenarja

Jirrappurtaw lill-presidenza konġunta dwar il-konklużjonijiet tal-plenarja

Kopresidenti

Guy Verhofstadt (Parlament)
Clément Beaune (II-Kunsill)
Dubravka Šuica (Kummissjoni)

Kunsens

tad-disa' rappreżentanti

Presidenza Konġunta

Parlament Ewropew
Kunsill tal-UE
Kummissjoni Ewropea

Roberta Metsola
Emmanuel Macron*
Ursula von der Leyen

Segretarjat Komuni

Għadd ugwali mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea

Jiżguraw il-funzjonament tal-Konferenza, jassistu lill-Bord Eżekuttiv u lill-Plenarja

*Ir-rappreżentanti tal-Kunsill jinbidlu mal-presidenza b'rotazzjoni.

Dan huwa aġġornament ulterjuri ta' infografika li ġiet oriġinarjament ippubblikata fl-2021.

Informazzjoni ulterjuri

Pjattaforma Multilingwi

Il-[pjattaforma multilingwi](#) hija ċentru li jagħti liċ-ċittadini Ewropej u lill-organizzazzjonijiet Ewropej tas-soċjetà ċivili l-opportunità li jaqsmu l-ideat tagħhom dwar il-futur tal-Ewropa, u li jospitaw u jattendu avvenimenti. Din taġixxi bħala [repożitorju](#) ta' kontributi u dokumenti, u bħala għodda interattiva għall-kondiviżjoni u d-dibattitu tal-ideat taċ-ċittadini. Il-pjattaforma hija miftuħa għaċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali, partijiet ikkonċernati oħra u awtoritajiet pubbliċi fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali.

Panels taċ-Ċittadini Ewropej

Dawn huma korpi vitali tal-Konferenza, li għandhom il-kompitu li jiddibattu kwistjonijiet li jinteressaw liċ-ċittadini. Il-kompożizzjoni tal-[panels taċ-ċittadini](#) Ewropej (\pm 200 ċittadin magħżula b'mod aleatorju) se tkun transnazzjonali u rappreżentattiva tal-popolazzjoni tal-UE, mhux biss fir-rigward tal-ġeneru iżda wkoll tal-età, l-isfond soċjoekonomiku, l-orijġini ġeografika u l-livell ta' edukazzjoni, u terz tal-parteciċipanti jkollhom l-età ta' bejn 16 u 25 sena. Il-panels taċ-ċittadini Ewropej jorganizzaw dibattiti, fost l-oħrajn abbażi ta' kontributi mill-pjattaforma diġitali, u jikkontribwixxu għad-diskussjoni tal-plenarja tal-Konferenza b'rakkomandazzjonijiet biex jiġu segwiti mill-istituzzjonijiet tal-UE. Ġew iffurmati erba' panels tematiċi taċ-ċittadini: i) Id-demokrazija Ewropea/il-valuri Ewropej, id-drittijiet, l-istat tad-dritt, is-sigurtà; ii) It-tibdil fil-klima, l-ambjent/is-saħħa; iii) Ekonomija aktar soda, il-ġustizzja soċjali, l-impjeggi/l-edukazzjoni, iż-żgħażaġh, il-kultura, l-isport/it-trasformazzjoni diġitali; u iv) L-UE fid-dinja/il-migrazzjoni.

Il-panels taċ-ċittadini Ewropej jiltaqgħu f'sessjonijiet deliberattivi, f'postijiet differenti u huma ddedikati għal temi speċifiċi. L-Istati Membri (fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali) u partijiet ikkonċernati oħra (is-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali jew iċ-ċittadini) jistgħu jorganizzaw panels taċ-ċittadini addizzjonali taħt il-kappa tal-Konferenza, dment li jirrispettaw għalkollox [Il-Karta tal-Konferenza](#).

Presidenza Konġunta

Il-Konferenza hija taħt l-awtorità tripartitika tal-Presidenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea, rispettivament Roberta Metsola (wara David Sassoli li miet), Emmanuel Macron, li jirrappreżenta lill-Presidenza Franċiża tal-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2022, u Ursula von der Leyen. Abbażi tar-rotazzjoni stabbilita permezz tad-[Deċiżjoni tal-Kunsill](#), il-Presidenza tal-Kunsill li qabel kienet f'idejn il-Portugall bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Ġunju 2021 u mbagħad f'idejn is-Slovenja bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru 2021. Il-Presidenza tripartitika tal-Konferenza hija l-korp aħħari li lilu se jiġi rrapportat l-eżitu finali tal-Konferenza, sabiex kull istituzzjoni tkun tista' tipprovdi s-segwitu xieraq skont il-kompetenzi proprji tagħha.

Plenarja tal-Konferenza

Il-[plenarja](#) tinkludi total ta' 449 rappreżentant, mit-tliet istituzzjonijiet (il-Kummissjoni, il-Kunsill tal-UE u l-Parlament), il-parlamenti nazzjonali, il-panels taċ-ċittadini, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), avvenimenti u panels nazzjonali, sħab soċjali u s-soċjetà ċivili, u sa minn Lulju, rappreżentanti lokali u reġjonali eletti. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà huwa mistieden meta jiġi diskuss ir-rwol internazzjonali tal-UE. Jistgħu jiġu mistiedna wkoll partijiet interessati u esperti oħra.

Il-plenarja tiddiskuti kwistjonijiet u rakkomandazzjonijiet mingħand panels taċ-ċittadini nazzjonali u Ewropej, kif ukoll kontributi mill-pjattaforma diġitali, miġbura skont it-temi. Id-dibattiti huma miftuħa, mingħajr eżitu predeterminat u mingħajr ma s-suġġetti jiġu limitati għal oqsma ta' politika definiti minn qabel. Il-plenarja tiddeċiedi fuq bażi konsenswali (tal-inqas bejn il-Parlament, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-parlamenti nazzjonali) dwar il-proposti li għandhom jitressqu lill-Bord Eżekuttiv. Dan tal-aħħar huwa responsabbli għall-abbozzar tar-rapport finali tal-Konferenza, b'kollaborazzjoni sħiħa u bi trasparenza sħiħa mal-Plenarja. Ir-rapport jiġi ppubblikat fuq il-pjattaforma diġitali u jintbagħat lill-Presidenza Konġunta għal segwitu konkret.

Bord Eżekuttiv

Il-[Bord Eżekuttiv](#) jimmaniġġja l-[ħidma tal-konferenza](#) (il-plenarji, il-panels ta' ċittadini Ewropej, u l-pjattaforma diġitali), jissorvelja l-attivitajiet kollha, u jħejji l-laqqgħat tal-plenarja, inkluż kontribut miċ-ċittadini, u s-segwitu tagħhom. It-tliet istituzzjonijiet (il-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill) huma rappreżentati b'mod ugwali fil-Bord Eżekuttiv, kull waħda bi tliet membri u sa erba' osservaturi. Il-Bord Eżekuttiv huwa kopresedut minn rappreżentant ta' kull waħda mit-tliet istituzzjonijiet; fil-każ tal-Kunsill mill-presidenza b'rotazzjoni. It-trojka presidenzjali ta' [COSAC](#) (il-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni tal-parlamenti nazzjonali tal-UE) għandha status ta' osservatur permanenti. Il-KESE u l-KtR ukoll għandhom status ta' osservatur. Wara l-proposta tal-kopresidenti, il-Plenarja approvat il-[ħolqien ta' disa' gruppi tematiċi](#), wieħed għal kull wieħed mid-disa' suġġetti. Il-Bord Eżekuttiv jista' jistieden esperti biex jipparteċipaw f'avvenimenti tal-Konferenza.

Segretarjat

Segretarjat komuni magħmul minn għadd ugwali ta' persunal tal-Parlament Ewropew, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, jassisti lill-Bord Eżekuttiv fl-organizzazzjoni tal-plenarja tal-Konferenza u l-panels taċ-ċittadini Ewropej.

Sorsi: [Dikjarazzjoni konġunta dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa](#), [ir-Regoli ta' Proċedura tal-Konferenza](#), [rapporti tal-Bord Eżekuttiv](#).

Dan id-dokument tnejja għall-Membri u għall-persunal tal-Parlament Ewropew u huwa indirizzat lilhom bħala materjal ta' sfond biex ikunilhom ta' għajnjuna fil-ħidma parlamentari tagħhom. Il-kontenut tad-dokument huwa r-responsabbiltà esklużiva tal-awtur tiegħu u kwalunkwe opinjoni espressa fih m'għandhiex neċessarjament tirrifletti l-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament. Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni għal finijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, bil-kundizzjoni li jiġi rikonoxxut is-sors u li l-Parlament Ewropew jiġi nnotifikat minn qabel u jirċievi kopja. © Unjoni Ewropea, 2022.